Ref: 7/6/194/12

**Minuti tal-Laqgha Nru. 7 tas-Sitt Legislatura**

Il-Kunsill ltaqa' fl-ufficini amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-knisja, Paola nhar l-Erbgha 5 ta' Settembru 2012. Il-laqgha bdiet fil-5.30pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Roderick Spiteri, il-Kunsillier Steven Axisa, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, il-Kunsilliera Rita Delezio u l-Kunsillier Tyrone Muscat.

Il-Vici-Sindku Dominic Grima u l-Kunsillier Attard kienu skuzati. Il-membri prezenti accettaw li dawn ikunu skuzati fuq ragunijiet personali.

Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iskrivana Alison Panzavecchia.

1) **Minuti**

**Minuti tal-Laqgha Nru .6 u Minuti tat-Tkomplija tal-Laqgha Nru 6 tas-Sitt Legislatura**

1.1 – Dawn il-Minuti ser jigu diskussi f'laqgha ohra.

2) **Gieh Paola**

2.1 – Is-Sindku qal li l-attivita' dwar Jum Paola 2012 li kienet ser issir nhar is-Sibt 25 ta' Awissu 2012 kellha tithassar minhabba l-funeral Statali tal-Ex-Prim Ministru Dom Mintoff.

2.2 – Wara diskussjoni, gie deciz li l-attivita' ssir nhar is-Sibt 15 ta' Settembru 2012 u li ser jintbaghtu l-inviti u jigu mistednin il-Presidenti u s-Segretarji tal-ghaqdiet kollha tal-lokal u dawk il-persuni li ser jinghataw token. Ser isir riceviment fi Gnien Lorry Sant u jekk it-temp ma jippermettix, isir fis-Sala tal-Kunsill Lokali.

2.3 – Il-Kunsillier Lynch gab 3 kwotazzjonijiet tal-ikel. Gie deciz li l-ikel jinxtara minghand Peppi Primavera.

2.4 – Is-Sindku qal li l-Kappillan Dun Vincenz Cachia kien baghat ittra lill-kunsill dwar Gieh Paola 2012 fejn innomina lill-Patri Joe Alessandro. Wara diskussjoni, sar qbil li nhar is-Sibt 7 ta' Ottubru 2012 ser issir quddiesa u ser jinghata l-unur ta' Gieh Paola lill-Patri Joe Alessandro wkoll.

2.5 – Gie deciz ukoll li tinghata token lis-Sinjorina Diane Borg u lis-sagristan tal-Knisja Parrokkjali ta' Kristu Re, is-Sur Frans Azzopardi.

3) **Attivitajiet Ohra**

3.1 – Il-Kunsilliera Delezio ssuggeriet li jigi ccelebrat Jum l-Anzjani.

3.2 - Wara diskussjoni, gie deciz li Jum l-Anzjani ssir nhar it-Tnejn 1 ta’ Ottubru 2012 u li ser issir Quddiesa fil-Knisja ta’ Lourdes u wara issir bibita. Gie deciz ukoll li tintbaghat ittra lill-ghaqdiet kollha tal-lokal biex jinnominaw lill-persuna/i ghall-Jum l-Anzjani u li n-nominazzjonijiet jaghlqu nhar it-Tlieta 25 ta’ Settembru 2012. Ser issir *presentation* lill-anzjani wkoll.

3.3 – Il-Kunsillier Muscat semma’ wkoll lill-dawk l-anzjani li qeghdin fi djar tal-anzjani u biex isir vann ukoll. Gie deciz li jekk ikun hemm il-htiega dan isir.

3.4 – Is-Sindku ppropona li f’Novembru 2012, fil-festi ta’ Kristu Re tigi organizzata wirja tal-karozzi. Il-Kunsillier Lynch ser jiehu hsieb dan.

3.5 – Gie deciz li bhala attivitajiet ghal zmien il-Milied 2012, ser isir party ghat-tfal u ghall-anzjani. Il-Kunsillier Lynch ser jiehu hsieb.

3.6 – Il-Kunsillier Muscat ippropona li fi zmien il-Milied, isir xi tizjin mal-Kunsill. Il-Membri qabblu ma’ dan.

3.7 – Il-Kunsillier Axisa qal li l-attivita’ tal-MCAST, forsi tista’ ssir f Dicembru u issir ghall-istrina.

3.8 – Saret diskussjoni dwar l-ikla tal-milied. Gie deciz li flok issir ikla, ser jinghataw fondi ghall-istrina.

3.9 – Il-Kunsilliera Delezio u Muscat baghtu *sympathy card* lill-Kunsill b’rispett lejn l-Ex-Prim Ministru, il-Perit Dom Mintoff. Is-Sindku f’isem il-Kunsill Lokali Paola rringrazzjahom ta’ dan.

**4) <u>Kampanja Ndafa</u>**

4.1 – Is-Sindku qal li kellu laqgha mal-GreenPak u li dawn m’ghadhomx iqassmu boroz tar-recycling. Saret diskussjoni dwar kull nhar ta’ Tlieta biex ma tibqax tinhareg il-borza s-sewda. Ma kienx hemm qbil u gie deciz li din ghandha terga’ tigi diskussa.

4.2 – Il-Kunsillier Axisa qal li dwar dak il-progett taz-zghazagh, minhabba l-EU Funds ser nipprocedu kif inhu minhabba li ma kienx hemm *feedback*.

**5) <u>Aggornament</u>**

6.1 – Il-laqgha giet maghluqa fit-8.00pm u aggornata ghal nhar l-Erbgha 26 ta’ Settembru 2012 fis-6.00pm.

Approvati llum ___________________________

_______________ __________________

Kevin Borg Roderick Spiteri

Segretarju Sindku